MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 994/2011

**Marcus Tonna**

**Vs**

**Paul Bezzina u l-bastiment zghir M/V Replay**

Permezz ta’ kawza prezentata fit-12 ta’ Ottubru 2011 l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ tmintax-il elf ewro (€18,000) bilanc ta’ prezz ghall-bejgh ta’ bastiment zghir MV Replay. L-attur ippremetta li bi skrittura tad-9 ta’ Lulju 2009 il-konvenut xtara minghandu l-bastiment M.V. Replay ghall-prezz ta’ tmienja u hamsin elf ewro (€58,000), u kien fadallu jhallas is-somma ta’ €18,000.
Il-konvenuti baqghu kontumaci.
Permezz ta’ nota prezentata waqt is-seduta tal-lum, il-konvenut Paul Bezzina ammetta t-talbiet tal-attur wara li giet iffirmata skrittura ta’ transazzjoni, fejn fost’affarijiet ohra jinghad li :-

i. L-ammont dovut hu ta' €13,000, li ghandha tithallas mhux iktar tard mill-ahhar ta' Jannar 2012.
ii. L-attur irrinunzja ghad-dritt li jitlob imghax fuq is-somma.
iii. Spejjez gudizzjarji jkunu a karigu tal-konvenut, inkluzi l-mandati kawtelatorji.
iv. L-attur jiehu hsieb li jinhargu l-kontromandati fir-rigward tal-mandati kawtelatorji numru : 1121/11, 1008/11, u 1026/11

Il-partijiet talbu li t-termini ta' ftehim ta' transazzjoni li ffirmaw fl-1 ta' Dicembru 2011 jigu nkorporati f'din is-sentenza.

Fis-seduta tal-lum l-attur zamm ferm it-talba ghall-hlas ta' tlettax-il elf ewro (€13,000) peress li ddikjara li llum stess ircieva pagament akkont fis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tikkonferma l-ftehim li gie ffirmat fl-1 ta' Dicembru 2011, tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlettax-il elf ewro (€13,000), liema ammont ghandu jithallas mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar 2012, bl-imghax bir-rata legali jiddekorri mill-1 ta' Frar 2012 f'kaz li l-konvenut jibqa' moruz.**

**Spejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji numri 1121/11, 1008/11 u 1026/11 a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------